PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0175(CNS)

19.10.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Republika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra
(COM(2007)0488 – C6-0339/2007 – 2007/0175(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	**I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv* normali huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Republika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra.
(COM(2007)0488 – C6-0339/2007 – 2007/0175(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0488)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u (ii) u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill kkonsulta l-Parlament (C6-0339/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Moldova.

[1] Għadha mhix ippublikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kuntest ġenerali

In-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra u dwar ir-rijammissjoni saru mill-Kummissjoni bejn id-9 ta' Frar 2007 u s-17 ta' April 2007, wara li kienet ingħatat awtorizzazzjoni mill-Kunsill. Il-ftehimiet ġew iffirmati fl-10 ta' Ottubru 2007m u l-Parlament issa qiegħed jiġi kkonsultat dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dawn iż-żewġ ftehimiet. Il-Kumitat għal-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-affarijiet interni u r-rapporteur tiegħu, li huma konxji mill-importanza li dawn jidħlu fis-seħħ f'Jannar 2008, qablu li jaħdmu bi skeda iżjed mgħaġġla sabiex jevitaw dewmien u biex ikun possibbli li l-konklużjoni tal-ftehimiet issir f'Novembru 2007.

Kontenut tal-ftehim

L-għan ta' din il-Ftehima huwa li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi għal żjara intiża ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova.

Il-faċilitazzjoni ssir billi, fost miżuri oħrajn, jitqassar il-perjodu li fih tittieħed deċiżjoni dwar il-ħruġ tal-viżi. Fil-prinċipju, id-deċiżjoni dwar jekk tinħariġx il-viża jew le għandha tittieħed fi żmien għaxart ijiem kalendarji. F'każi urġenti, dan il-perjodu jista' jitqassar sa jumejn xogħol jew anke inqas. Madankollu, meta jkun hemm bżonn ta' iżjed skrutinju biex tittieħed deċiżjoni, dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa 30 jum kalendarju.

Il-miżata tal-viża għaċ-ċittadini tal-Moldova se titnaqqas għal 35 €, minflok il-miżata ġenerali ta' 60 €. Din il-miżata mnaqqsa tirrigwarda kemm il-viżi singli u kemm dawk ta' dħul ta' aktar minn darba. Barra minn hekk, ċerti kategoriji ta' persuni se jibbenefikaw minn eżenzjoni sħiħa mill-ħlas tal-viża: qraba, uffiċjali li jipparteċipaw f'attivitajiet tal-gvern, studenti, persuni b'diżabilità, każi umanitarji, persuni li jipparteċipaw fi programmi ta' skambju kulturali u edukattivi u f'avvenimenti sportivi u kulturali, ġurnalisti, tfal, pensjonanti, eċċ.

Id-dokumenti li għandhom ikunu ppreżentati fir-rigward ta' l-għan tal-vjaġġ ġew issimplifikati għal xi kategoriji ta' persuni, bħal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, persuni tan-negozju, ġurnalisti, parteċipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali u sportivi, studenti, parteċipanti fi programmi ta' skambju, qraba, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u persuni li jżuru għal raġunijiet mediċi. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss ftit dokumenti sabiex tinħarġilhom il-viża. Pereżempju, fil-każ ta' persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' skambju, kull ma tintalab hija talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita.

Hemm ukoll kriterji simplifikati għall-ħruġ ta' viżi ta' dħul ta' aktar minn darba għal kategoriji speċifiċi ta' persuni, bħal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili eċċ.Fl-aħħarnett, iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li huma titulari ta' passaporti diplomatiċi validi huma eżentati mill-ħtieġa tal-viżi għal żjarat qosra.

Osservazzjonijiet mir-rapporteur

Mit-tkabbir ta' l-UE għar-Rumanija u l-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Moldova saret ġar immedjat ta' l-UE.

Il-konklużjoni tal-ftehima dwar il-faċilitazzjoni tal-viża toffri l-opportunità għall-UE u għar-Republika tal-Moldova li jevitaw il-ħolqien ta' linji diviżorji ġodda bejn l-UE u l-ġar tagħha. Din tirrappreżenta pass inkuraġġanti 'l quddiem, l-iżjed fid-dawl ta' l-aspirazzjonijiet Ewropej tar-Repubblika tal-Moldova, u għandha tippromwovi relazzjonijiet ta' ħbiberija, l-istabilità, is-sigurtà u l-benessri taċ-ċittadini.

Din il-ftehima għandha tiffaċilita l-kuntatti bejn in-nies, li hija kundizzjoni importanti għall-iżvilupp solidu tar-rabtiet ekonomiċi, umanitarji, kulturali, xjentifiċi u rabtiet oħra.

Hija wkoll pass importanti u sinjal ta' kuraġġ għar-Repubblika tal-Moldova biex tapprofondixxi l-koperazzjoni mal-ġirien tagħha u ma' l-UE u biex timplimenta r-riformi meħtieġa fl-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar f'xi prijoritajiet li għandha tittieħed azzjoni dwarhom:

- sforzi konsistenti lejn soluzzjoni vijabbli għall-kunflitt tat-Transnistria - għad hemm tħassib dwar l-immaniġġjar tal-fruntiera tul iz-zona tat-Transnistria kif ukoll dwar il-kontroll fuq il-merkanzija u n-nies;
- progress lejn sistema ta' mmaniġġjar effiċjenti u komprensiv tal-fruntiera ta' l-Istat fuq is-setturi kollha tal-fruntiera tal-Moldova - għad hemm sfidi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-infrastruttura u l-apparat;
- it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tal-persuni - ir-Republika tal-Moldova ħadet passi biex tissielet it-traffikar tal-persuni (billi waqqfet Ċentru għall-ġlieda kontra t-traffikar, irratifikat bosta konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u adottat leġiżlazzjoni u pjanijiet ta' azzjoni), iżda din għadha kwistjoni ta' tħassib.
- l-iżgurar ta' mmaniġġjar effiċjenti ta' l-influssi tal-migrazzjoni;
- ir-rinfurzar ulterjuri tal-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja;

Fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-viża, il-ftehima tpoġġi lir-Republika tal-Moldova f'sitwazzjoni simili għal dik ta' l-Ukraina u r-Russja. Dawn iż-żewġ pajjiżi diġà kkonkludew ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża. Ladarba l-liġi tal-Moldova tippermetti ċ-ċittadinanza doppja, bosta ċittadini tal-Moldova għandhom it-tieni passaport, Russu, Ukrain jew Rumen. Il-konklużjoni tal-ftehima dwar il-faċilitazzjoni tal-viża mar-Republika tal-Moldova għandha tevita s-sitwazzjoni li ċ-ċittadini tal-Moldova li jkollhom passaport Russu / Ukrain igawdu minn iżjed libertà fl-ivjaġġar minn oħrajn. Din għandha tevita wkoll li ċ-ċittadini tal-Moldova jitħajru japplikaw għaċ-ċittadinanza Russa jew Ukraina sabiex jibbenefikaw mill-faċilitazzjoni tal-viża.

Ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni mir-Republika tal-Moldova biex mill-1 ta' Jannar 2007 jeżentaw liċ-ċittadini ta' l-UE mill-ħtieġa tal-viża meta jivvjaġġaw lejn ir-Republika tal-Moldova. Id-deċiżjoni tar-Rumanija li tibqa' toħroġ viżi għaċ-ċittadini tar-Republika tal-Moldova bla ebda ħlas hija wkoll ta' min tintlaqa' b'ferħa.

Sabiex in-nies ikunu mgħarrfa dwar is-sitwazzjoni l-ġdida, hemm il-ħtieġa ta' kampanji ta' informazzjoni fir-Republika tal-Moldova, bil-għan li l-poplu jkun jista' jisfrutta dawn il-possibilitajiet il-ġodda. Barra minn dan, il-bidliet fil-politika għall-viża għandhom jidhru kemm jista' jkun malajr fil-websajts ta' l-istituzzjonijiet Ewropej.

Ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tat-twaqqif ta' Ċentru ta' Applikazzjoni għall-Viża Komuni f'Chişinău, li nfetaħ f'April 2007, u jixtieq ifakkar li ż-żieda fin-numru ta' konsulati ta' l-Istati Membri ta' l-UE f'Chişinău għandha ttejjeb l-aċċess taċ-ċittadini tal-Moldova għall-viżi ta' l-UE. Terġa', minħabba d-domanda kbira ħafna biex jinħarġu viżi għal vjaġġi lejn ir-Rumanija, l-awtoritajiet Rumeni pproponew il-ftuħ ta' żewġ uffiċċji konsulari supplimentari, f'Cahul u f'Balti, sabiex titkopra z-zona sħiħa tar-Reppubblika tal-Moldova u biex ikomplu jtejbu l-aċċess tal-poplu tal-Moldova għall-viżi. Ir-rapporteur jiddispjaċih minnuqqas ta' koperazzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Moldova f'din il-kwistjoni u mir-rifjut ta' l-awtorizzazzjoni minn dawn l-awtoritajiet li jiftħu dawn l-uffiċċji supplimentari.

Rakkomandazzjoni tar-Rapporteur

1. F'dawn il-ftehimiet mar-Repubblika tal-Moldova, hemm referenza għal lingwa tal-Moldova, fis-sentenza "Magħmul fi … fil- … ta' … fis-sena … f'żewġ kopji bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Moldovan, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż, b'kull test ikun ugwalment awtentiku".

Filwaqt li ttenni l-appoġġ tagħha għall-konklużjoni u għall-implimentazzjoni tal-ftehima dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u dwar ir-rijammissjoni u għall-impenn li d-dispożizzjonijiet tagħhom jiġu applikati, ir-Rumanija tenfasizza li l-parteċipazzjoni tagħha fil-ftehimiet imsemmija ma timplika bl-ebda mod xi rikonoxximent ta' l-isem tal-lingwa deskritta bħala "Moldovan". Ir-Rumanija ttenni li, skond il-fatti u l-evidenza xjentifika, inkluża l-interpretazzjoni ta' l-Akkademja tax-Xjenza tar-Repubblika tal-Moldova (maħruġa f'Settembru 1994), l-isem korrett tal-lingwa huwa 'Rumen'.[1]

Ir-rapporteur japprova bis-sħiħ din id-dikjarazzjoni uffiċjali tad-delegazzjoni Rumena li saret fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) u jfakkar li l-istess dikjarazzjoni saret ukoll bejn l-awtoritajiet Rumeni dwar *il-Protokoll tal-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Republika tal-Moldova fuq l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fil-PCA*.[2]

Ir-rapporteur jirrimarka li fid-9 ftehimiet mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, il-Kummissjoni użat il-formulazzjoni iżjed newtrali "Magħmul fi … fil- … ta' … fis-sena … f'żewġ kopji b' kull waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Firmatarji, b'kull test ikun ugwalment awtentiku".

Huwa jiddispjaċih li din il-formulazzjoni ma ntużatx fil-każ tal-ftehimiet mar-Repubblika tal-

[1] Dikjarazzjoni uffiċjali tar-Rumanija relatata mal-klawsola finali tal-Ftehimiet dwar il-Viża u r-Rijammissjoni bejn il-KE u r-Reppubblika tal-Moldova, imdaħħla fil-minuti tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2007 tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, dokument tal-Kunsill 13021/1/07 REV 1.

[2] **Dokument tal-Kunsill 12489/07, ADD 1.**

Moldova, u jirrakkomanda li fil-ġejjieni jintużaw formulazzjonijiet newtrali bħal dawn f'każi ta' kuntesti sensittivi bħal dan.

2. Ir-rapporteur jirrakkomanda lill-kumitat li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex jidentifikaw, wara li l-ftehimiet ikunu implimentati, kwalunkwe xkiel għall-applikazzjoni korretta ta' dawn il-ftehimiet, fuq il-livell tal-konsulati u fuq il-livell tal-qsim tal-konfini.

3. Ir-rapporteur jiddispjaċih għall-involviment u l-informazzjoni insuffiċjenti tal-Parlament Ewropew, fir-rigward tal-ftuħ tan-negozjati dwar dawn il-ftehimiet u dwar in-negozjati ta' dawn il-ftehimiet. Il-Parlament, li jirrappreżenta b'mod dirett liċ-ċittadini ta' l-Ewropa, għandu rwol essenzjali fit-tisħiħ tar-responsabilità ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE u l-kontroll demokratiku. Il-Kumitat LIBE jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni dwar ir-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet, sabiex ikun applikat il-prinċipju tal-koperazzjoni in bona fede bejn l-istituzzjonijiet.